IX-XGĦAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru72 (Tnejn u sebgħin) tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret fil-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tnejn, 15 ta' April, 2019, fil-5.30pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| | |
| Is-Sindku | Anthony Valvo |
| Viċi Sindku | Neil Attard |
| | |
| Il- Kunsilliera | Mary Doris Borg |
| | Antonia Buttiġieġ |
| | Joseph Azzopardi |
| | |
| **L-Uffiċjal** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

**72.1. Item Nru 72.1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.**

72.1.1Il-Laqgħa bdiet fil-5.42pm u kulħadd kien preżenti

**72.2 Item Nru 72.2 fuq l-Aġenda – Qari u approvazzjoni tal-minuti**

72.2.1 Minuti ttieħdu bħala moqrija u ġew approvati unanimament.

**72.3 Item Nru 72.3 fuq l-Aġenda – Komunikazzjoni mis-Sindku**

72.3.1 Recreational centre – Is-Sindku qal li x-xogħol fuq il-ground slab issa lest. Il-Perit Leonard Spiteri mil-Med Design għamel l-ispezzjonijiet tul ix-xogħol kollu u kejjel ix-xogħol biex seta ħareġ il-kont. Is-Sur Valvo qal li kif diga tkellimna kien hemm diskrepanza tal-kwantita mil-BOQs originali minħabba li l-perit daħħal biss nofs l-area li konna miftehmin dwara.

Il-Perit ammetta li ma kienx fehem tajjeb l-ammont li konna qed nitkellmu dwaru.

Is-Sur Valvo qal li issa qed nistennew il-Planning Authority biex jimmarkaw il-linja tal-bini qabel nibdew ix-xogħol fuq ir-rampa. Dan minkejja li l-permess ilu approvat mis-sena 2017.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21723272 Fax: 21727272
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

Għalhekk il-Kuntrattur kellu jiġi mwaqqaf milli jkompli minħabba din ir-raġuni u nittamaw li kif isiru l-linji ikun f'pożizzjoni li jkompli mil-ewwel.

72.3.3 *Jogging Track* – Is-Sur Valvo qal li l-Kunsill għadu qed jistenna l-permess mil-Planning Authority. Mil-aħħar laqgħa 'l hawn il-Perit Robert Ellul Sciberras għamel laqgħat mal-Heritage Malta kif ukoll mal-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilita sabiex jiġu ċċarati ċertu affarijiet u l-proċess tal-permess ikun jista jkompli.

Kif ikollna l-approvazzjoni tal-Permess ikun imiss li niktbu t-tender u tiġi ppublikata.

72.3.4 Gal xlokk – Is-Sindku qal li t-tender tal-landscaping ta' Fort Park issa ser tagħlaq għada u għalhekk irridu naħtru Bord tal-Evalwazzjoni. Il-Kunsill qabel li s-Sur Valvo ikun iċ-Ċermen u s-Sinjuri Antonia Buttiġieġ, Doris Borg u Joseph Azzopardi ikunu memri tal-Bord.

72.3.5 SSTP – Is-Sur Valvo qal li fil-laqgħa li kellna mal-SSTP spjegawlna x'qed isir bħalissa fl-operat. Il-problemi tal-irwejjaħ u l-irqajja fil-baħar għadhom hemm minħabba rimi illegali minn xi rziezet.

Il-proċess tat-tender tas-siġar qalulna li għadu ma ġiex finalizzat.

72.3.6 Skart – Is-Sindku qal li l-kuntratt ma' Rocco Mifsud ġie iffirmat u nawguraw li jkollna servizz kif jistħoq.

Skart riċiklabbli – Is-Sindku qal li wara li tlabna proposta liż-żewġ skemi ta' skart riċiklabbli irċevejna lura biss mingħand il-Green Pak fejn dawn taw il-proposta tagħhom u ġiet iċċirkulata. Il-Kunsill qabel li tiġi aċċettata unanimament din il-proposta.

Is-Sur Valvo qal li l-Bring in Site li kien hemm Triq Ras il-Ġebel tneħħiet ukoll u issa ġiet installata waħda quddiem il-Kunsill b'permezz ta' Ibins.

72.3.7 Bus Shelters – Is-Sur Valvo qal li mil-Faces bagħtulna aġġornament li ser jibdew is-surveyings ta' dawn il-bus shelters.

72.3.8 Mizura 4.4 Hitan tas-Sejjiegħ – Is-Sindku qal li t-tender issa għalaq u il-Kunsill qabel li l-bord tal-evalwazzjoni jkun kompost minn Anthony Valvo bħala Ċermen, Antonia Buttigieg, Doris Borg u Joseph Azzopardi bħala membri.

72.3.10 Toroq – Is-Sindku qal li t-toroq li għandna biex isiru ġejna infurmati li ser isiru sal-aħħar tas-sena.

72.3.11 Railing tax-Xatt – Is-Sur Valvo informa lil sħabu li t-talba tal-Kunsill mal-Ministru Ian Borg biex jinbidel ir-railing kollu tax-xatt ġie milqugħa. Għalhekk fil-ġranet li ġejjin ser issir konferenza stampa biex tikkonferma dan. Ir-railing ser isir tal-ħadid *hot dipped galvanized*.

Apparti r-railing ser jibidel ukoll il-paviment li hemm mikul kollu.

Is-Sindku qal li mal-Ministru Ian Borg tkellimna wkoll biex isir survey tax-xatt minħabba l-problema tal-erożjoni kif ukoll biex jitnaddaf il-banju u jiġi rranġat qabel is-Sajf.

72.3.12 Urban Greening – Is-Sindku qal li l-Kunsill ġie magħżul ma erbgħa kunsilli oħra sabiex iħaddar iktar il-lokal. Għalhekk ġew allokali l-ammont ta' €30,000 sabiex jintefqu f'sigar, arbuxelli, pots, ħamrija u sistemi ta' irrigazzjoni.

72.3.13 Jum ix-Xgħajra – Is-Sindku ippropona li Jum ix-Xgħajra għal din is-sena isir nhar it-12 ta' Mejju li ikun żmien tajjeb qabel l-Elezzjonijiet. Għal din l-attivita ikollna quddiesa kif ukoll spettaklu żgħir li inqabbdu l-Joe Demicoli kif ukoll ser ikun hemm finger food mgħoti bħala sponsor minn El Catalan. Kulħadd qabel.

Dwar attivitajiet is-Sur Neil Attard qal ukoll li nhar is-7 ta' Ġunju għandna proposta biex isir car show max-Xatt u l-Kunsill jieħu ħsieb it-tindif u li jordna 2 mobile toilets. Kulħadd qabel.

72.3.14 Road Humps – Is-Sur Valvo qal li għandna talba minn residenti sabiex isiru żewġ *road humps* ġodda fi Triq il-Fortizza tal-Grazzja. Waħda mar-round about u oħra in-naħa ta' isfel. Il-Kunsill qabel li ngħaddu din il-proposta lil Trasport Malta.

72.3.15 Kuntratt tal-Knis – Is-Sur Valvo qal li l-Bord tal-Evalwazzjoni irrakomanda li l-Kuntratt jittieħed minn Brian Borg minħabba li kienet l-aktar offerta vantaġġuża kemm bil-kwalita kif ukoll bil-prezz (BPQR). Il-Kunsill qabel unanimament ma' din ir-rakkomandazzjoni.

**72.4. Item Nru. 72.4 fuq l-Aġenda – Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

72.4.1 Is-Sinjura Borg staqsiet meta ser isiru l-ħadid mal-istage ta' Dawret ix-Xatt. Is-Segretarju qallha li fil-ġimgħat li ġejjin.

72.4.2 Is-Sur Azzopardi staqsa jistax jinqata' l-ħaxix u qasab li hemm fi Triq Alof De Wignacourt fil-kantuniera ma' Triq Dwardu Ellul. Is-Segretarju qal li dan ser isir fil-ġimgħat li ġejjin.

72.4.3 Is-Sur Attard staqsa jekk nistgħux nirrangaw tumbata li hemm fi Triq il-Fabbriki f'*Reserved Parking Bay*. Din qed tikkawza periklu għaliex il-persuna li jipparkja l-vettura fuq din ir-reserved qed jaqgħa ta' sikwiet. Is-Segretarju qallu li ser jara x'hemm bżonn u ssir mil-aktar fis.

**72.5. Item Nru 72.5 fuq l-Aġenda – Financial Statements 2018**

72.5.1 Is-Segretarju ippreżenta' r-rapport finaanzjarju awditjat mil-Uditur u s-Sindku spjegah. Ir-rapport gie approvat unanimament b' astenzjoni waħda.

IX-XGĦAJRA

**72.6. Item Nru. 72.6 fuq l-Aġenda - Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

72.6.1 Is-Sur Valvo qal li tajjeb li nagħmlu plakka kommemorattiva fuq barra tal-Multipurpose Hall. Kulħadd qabel li ssir.

**72.7. Item Nru. 72.7 fuq l-Aġenda – Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

72.7.1 Pagamenti b'numru 77 ġew approvati b'astenzjoni waħda.

**72.8. Item Nru. 72.8 fuq l-Aġenda - Mozzjonijiet**

72.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**72.10 Item Nru. 72.10 fuq l-Aġenda - Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

72.9 Il-laqgħa ntemmet fis-7.52pm

Aġġornament għal-nhar it-Tnejn 20 ta' Mejju, 2019 fil-5.30pm

Iffirmat

________________________

Ranier Busuttil

Segretarju Eżekuttiv

Iffirmat

________________________

Anthony Valvo

Sindku